**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Seduta mizmuma llum, 24 ta Mejju 2018.**

**Rikors Numru: 315/2010 CSH**

**Bonello Anne**

**vs**

**Mallia David**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attrici pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-6 ta' Settembru, 2010 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' hdax-il elf, tliet mija u disgha u sebghin Ewro (€11,379) rapprezentanti danni sofferti mill-attrici b'konsegwenza ta' xoghol mhux skond is-sengha u l-arti illi sar mill-konvenut fil-fond numru 32, Triq il-Konti Ruggieru, Rabat, Malta, liema fond hu propjeta' tal-attrici.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-imghax skond il-ligi sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut David Mallia pprezentata minnu fl-20 ta' Settembru 2010 fejn eccepixxa:

1. *"Illi l-azzjoni odjerna hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. *Illi fi kwalunkwe kaz, il-mittenti diga indirizzat it-talbiet taghha ghal hlas tad-danni kontra terzi persuni u cioe' Raymond Dalli skond Avviz Nru: 211/09 RFA fl-ismijiet Anna Bonello vs Raymond Dalli – differita ghas-smiegh ghas-seduta tad-19 ta' Ottubru, 2010, liema kawza ghadha pendenti quddiem dawn il-qrati u ghalhekk fl-identifikazzjoni tal-hsarat pretizi mill-attrici, issa ma tistax tippretendi hsarat minn terzi fuq l-istess post u fuq l-istess xogholijiet.*

3. *Illi fil-mertu u bla pregudizzju ghal premess, huwa ma kkawza l-ebda danni lill-attrici u x-xogholijiet li gew interkorsi minnu saru skond is-sengha u l-arti u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.*

4. *Illi l-attrici hija debitrici ta' l-intimat fis-somma ta' €5,147.92, kif jirrizulta minn skrittura datata 3 ta' Ottubru, 2006 hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A u b'kontro-talba l-intimat qed jitlob lill-attrici biex tigi kkundannata thallas is-somma bilancjali tax-xogholijiet interkorsi minnu fil-fond imsemmi.*

5. *Illi hija l-attrici illi hija debittrici ta' l-intimat u ghalhekk l-intimat ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.*

6. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat il-kontro-talba tal-konvenut David Mallia ghat-talba ta' l-attrici Anne Bonello pprezentata fl-20 ta' Settembru, 2010 fejn espona:

1. *"Illi bi skrittura hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A, l-attrici kkostitwit lilha nnifisha debittrici tal-konvenut fis-somma bilancjali ta' €5,147.92, oltre' l-imghax legali bilanc mit-3 ta' Ottubru, 2006, bilanc*

*ta' prezz ta' xogholijiet inkorsi fil-fond taghha 32, Triq il-Konti Ruggieru, Rabat, Malta u li baqghu mhux imhallsa lill-konvenut.*

2. *Illi hija giet interpellata diversi drabi biex thallas is-somma bilancjali minnha dovuta pero' baqghet inadempjenti.*

*Tghid l-attrici rikonvenzjonata, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:*

1. *Tikkundanna lill-attrici rikonvenzjonata thallas is-somma bilancjali ta' €5,147.92 oltre' l-imghax legali mit-3 ta' Ottubru, 2006, bilanc ta' prezz ta' xogholijiet inkorsi fil-fond 32, Triq il-Konti Ruggieri, Rabat, Malta.*

*Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ta' l-attrici rikonvenzjonata ghas-subizzjoni."*

Rat ir-risposta tal-attrici rikonvenzjonata Anne Bonello pprezentata minnha fid-9 ta' Novembru 2010 fejn eccepiet:

1. *"Illi t-talbiet mressqa mill-konvenut fil-kontro-talba huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-attrici ma ghandha taghti l-ebda flus lill-konvenut.*

2. *Salv eccezzjonijiet ohra."*

Rat l-affidavit tal-attrici **Anne Bonello** pprezentat fit-28 t'April, 2011 fejn iddikjarat illi hi l-proprjetarja tal-post numru 32, Triq il-Konti Ruggieru, Rabat u kienet qabdet lil David Mallia biex jaghmel xoghlijiet fil-post. Dawn ix-xoghlijiet kienu jikkonsistu f'gypsum fil-hajt, madum, dawl u ilma ghax kien qal li kollox jaghmel, u l-katusi ta' l-ilma tal-bejt li tefaghhom mad-drenagg. Il-materjal kien ukoll jahseb ghalih David Mallia. Hija sostniet illi dawn ix-xoghlijiet ma ghamilhomx sew u fil-fatt ikkagunalha hafna danni.

Hija stqarret li lill-intimat kienet hallsitu tax-xoghol kollu li kien ghamel u dana peress illi ta' kull naqra xoghol kien irid il-flus mall-ewwel. Hija qalet li qabel ma kienet taghtih il-flus, ma kienx jibda xoghol iehor. Hija semmiet bhala ezempju meta hu kien ghamlilha l-wire tad-dawl fuq il-bejt, hija kienet qaltlu biex jaghmlilha l-lampi fuq il-bejt, huwa kien wegibha li huwa thallas sa fejn hadem.

Anne Bonello esebiet mal-affidavit kopji tal-ircevuti kollha (Dok. AB1 – AB6) li hija hallset lilu. Dawn l-ircevuti b'kollox jammontaw ghal aktar minn ghaxart elef Lira Maltin. Hija tenniet li dawn huma l-ircevuti li hu kien jaghtiha tal-flus li kienet tghaddilu. Dwar is-somma flus li hu qed jippretendi li hi ghandha taghtih, hija ddikjarat illi hija ma ghandha taghtih xejn. Hija stqarret illi l-pagamenti lill-intimat kienet tghaddihomlu jew billi jmur il-bank maghha u hija taqliblu l-flus fuq ismu, inkella kienet taghtihomlu cash.

Hija kompliet tghid illi rigward is-somma flus li qed jippretendi li ghandu jiehu, hija kienet diga' hallsitu taghhom. Rigward id-dokument datat 3 ta' Ottubru 2006, hija stqarret illi dakinhar tiftakar li l-intimat kien qalilha li gej huh ghall-flus minfloku u kellha tiltaqa' mieghu jigifieri ma' huh fejn il-Bank of Valletta tar-Rabat, Malta. Fil-fatt gie hu l-intimat u kien taha dan id-dokument u qalilha "Hawn ara iffirmalek David". Ma' huh kienet giet ukoll ommu tkellimha u qaltilha "gejt mieghu ghax ma ssugrajniex li jigi wahdu b'dawk il-flus". Fid-disgha ta' filghodu kienu diga' wara l-bieb tal-bank u hija dahlet il-bank, gibdet il-flus u taghthomlu. Kopja tal-ircevuta tal-bank giet annessa u markata bhala Dok. AB7.

Hija regghet sostniet illi l-intimat kien jithallas ta' kull bicca xoghol inkella ma jaghmilx xoghol iehor, u tant kienet hallsitu f'Ottubru tas-sena 2006 li kien baqa' jahdmilha wara dakinhar u fil-fatt l-ahhar ircevuta tal-flus minghandu ghandha d-data ta' 2 ta' Frar 2007.

L-attrici stqarret illi kienu naqsulha tliet madumiet biex ikollha naqra fuq ir-rih u marret tfittex kullimkien biex issib tixtrihom, anke kienet marret ghand Satariano imma kulhadd kien jghidilha biex tmur minghand min xtrathom jew min kien gabhomlha. Hija qalet, halli tissogra ccempillu u stqarret li vera gabhomlha l-intimat u tiftakar illi hu kellu jaghtiha ghaxar Liri Maltin u x'hin talabha sbatax-il Ewro, hija qabdet il-madum f'idha u qaltlu li dawn imhallsin ghax kellu jaghtiha ghaxar Liri u ma tahomliex, huwa kemmex xufftejh u qalilha "kollox ikun imbierek" ghax kienet hallsitu bizzejjed sa dak iz-zmien jekk mhux ukoll izzejjed. Hija sostniet li fil-fatt ghandha wkoll cash sale tat-tliet madumiet li kien ipprezentalha l-intimat halli jithallas taghhom ukoll.

Hija ddikjarat illi x-xoghol li ghamillha David Mallia kien hazin u fil-fatt soffriet danni minhabba dan ix-xoghol hazin. Dan ix-xoghol hazin kien jinkludi:

- Lanqas biss kien rabat l-ghatu tat-tank tal-ilma u spicca ghand in-nies. It-tank kellu l-pajpijiet mghawwgin kif qalulha l-haddiema li gew warajh;
- Gholla l-livell tal-art u tat-tarag ghax wahhal kollox fuq li kien hemm qabel;
- Lanqas biss ghamel pjanta kif ser isir id-dawl, hija tiftakar li kif il-haddiema gew biex itaqqbu, sabu l-plastik tal-pajp tad-dawl u ma ssugrawx itaqqbu;
- Il-katusa ta' l-ilma tal-bejt kien tefaghha ma' tad-drenagg u spicca zbroffa kollox fil-kantina;
- Kien qabad u ghalaq l-arkati ta' l-intrata;
- Il-bieb ta' barra ma jistax jinfetah sew;
- Il-*washroom* ma kelliex la *drains* u lanqas ilma;
- Il-kcina lanqas ma kien fiha *Drain.*

Anne Bonello stqarret illi kienet qabbdet lill-perit taghha sabiex jaghmel rapport dwar ix-xoghol kollu hazin li kien sar minn Mallia u kopja ta' dan ir-rapport giet immarkata bhala Dok. AB8. F'dan ir-rapport hemm imnizzel id-danni li hija kienet soffriet.

Hija sostniet illi hekk kif kienet qabbditu jaghmel dawk iz-zewg bozoz ta' fuq il-bejt, hija kienet irrabjat mieghu u qaltlu biex ma jigix aktar u minn hemmhekk kienet qabbdet lil haddiehor u minn hawn li kien beda hiereg ix-xoghol hazin kollu li kien ghamlilha Mallia. Hija kompliet tghid illi hija ma tifhimx u ghalhekk certu xoghol ma kinitx taf li kien sar hazin, imma kienu qalulha l-haddiema li gew warajh u l-perit taghha.

Hija kienet baghtet ittra ufficjali lil David Mallia fl-indirizz 18A, Triq San Pawl, Attard imma ma giex notifikat. Hija kienet marret personalment hemmhekk u kienet rat b'ghajnejha l-bieb fejn suppost kien joqghod Mallia. Hija nzertat *postwoman* ghaddejja meta marret u staqsietha fejn hu l-indirizz u l-post. Dan kien bieb imfarrak u kien maghluq biss b'katnazz u bl-ghanqbut. Hija esebiet ritratt ta' dan il-bieb ma' dan l-affidavit li gie mmarkat bhala Dok. AB9.

Bonello tiftakar ukoll illi kienet ilha hafna u minn dejjem titolbu ircevuti rigward il-materjal illi jghid li kien qed juza waqt ix-xoghol, l-aktar meta talabha hafna flus tat-tqeghid tal-madum. Fil-fatt f'mument minnhom tiftakar illi l-intimat kien anke skuza ruhu maghha wara li hija kienet qabditu li qed jiccargjaha hafna u bl-addocc, fil-fatt ghall-ewwel kien beda jidghi u sabbat il-mobile mal-hajt u ha anke l-kaxxi tal-madum lura mieghu imma mbaghad wara kien mar l-ghada u skuza ruhu maghha u qalilha li kien wiehed mill-haddiema tieghu stess illi gibidlu l-attenzjoni li kien qed jiccargjha hafna flus. Wara hija kienet saret taf li David Mallia kien joqghod band'ohra.

Rat illi l-attrici **Anne Bonello** pprezentat nota fid-9 ta' Novembru 2011 li fiha esebiet affidavit tal-Perit Arkitett Carmel Farrugia li huwa mmarkat bhala Dok. CF.

Rat illi l-attrici **Anne Bonello** pprezentat fis-6 ta' Jannar 2012 nota li biha esebiet kopja legali ta' l-ittra ufficjali datata 11 ta' Dicembru 2007 li hija ghamlet kontra l-konvenut David Mallia u li giet immarkata bhala Dok. IU 1 u kopja legali tar-risposta permezz ta' ittra ufficjali datata 15 ta' Jannar 2009 ta' David Mallia ghall-ittra ufficjali fuq imsemmija (Dok. IU 2).

**Anne Bonello** xehdet in kontro-ezami fl-14 ta' Novembru, 2012 fejn iddikjarat li f'Ottubru 2006, hija waqfet lil David Mallia mix-xoghol tieghu. Hija cahdet illi bidlet xi serraturi tad-dar biex il-konvenut ma jidholx. Hija sostniet li l-konvenut ma marx minn rajh. L-attrici kompliet tghid illi mhux hija qabdet lil Raymond Dalli. Hija taf li wara li spicca Mallia, kien beda xi xoghol Barbara u bejniethom kien hemm Raymond Dalli. Lil Raymond Dalli ma tiftakarx meta waqfitu.

L-attrici kkonfermat li fit-3 ta' Ottubru 2006, kien hemm omm u hu David Mallia jistennew biex jithallsu. Dakinhar hija gibdet il-flus mill-bank u ghaddiethom lilhom. Hija marret il-Bank of Valletta tar-Rabat u kienet iltaqat ma' omm u hu David Mallia. Dawn qalulha li gew mieghu ghax ma ssugrawx li jhallu lill-konvenut bil-flus wahdu.

L-attrici giet mistoqsija kif qieghda tghid li dakinhar tat-3 ta' Ottubru 2006 hija kienet hallset lill-konvenut tramite huh meta fl-istess hin hemm karta esebita l-Qorti li tindika li l-attrici ghad fadalla bilanc ta' elfejn u mija, hija wiegbet li din il-karta kien hadha huh lesta u effettivament kienet iffirmatha, pero' l-flus kienet tathomlu dakinhar stess.

Rat l-affidavit tal-konvenut **David Mallia** pprezentat fit-8 ta' Frar 2012 fejn iddikjara illi huwa jaghmel xoghol ta' *teacher* u jaghmel xoghol ta' *property negotiator* fuq bazi part-time wkoll. Huwa ilu jaghmel dan ix-xoghol ghal madwar hmistax-il sena. F'dan iz-zmien iltaqa' ma' hafna nies li jaghmlu xoghol ta' kostruzzjoni u turnkey.

Il-konvenut stqarr illi darba fost l-ohrajn kien cempillu n-neputi ta' Anne Bonello, Kevin u qallu jekk jistax jghin lil zitu Anne biex tiffinxja d-dar taghha fir-Rabat. Fil-passat il-konvenut kien biegh appartament lil Kevin u wara baqghu hbieb. Mallia wiegbu li kien lest li jghinha senza nteressi b'rispett tieghu. Kevin kien cempel lill-konvenut ghax zitu anzjana u ma tafx nies f'dan ix-xoghol. Mallia qallu wkoll li se jkellem turnkey contractor biex jaghtuh stimi bil-kejl daqs li kieku Anne kienet xi kuntrattur tal-bini. Dan ifisser li l-attrici kienet ser thallas anqas flus meta tiffinixja d-dar taghha ghax normalment meta haddiema jahdmu dar wahda jithallsu bi stima mhux kejl bir-rati. Kejl bir-rati normalment isir fuq xoghol ta' kwantita'. Meta Mallia rcieva r-rati tax-xoghol li setghet tinvolvi d-dar tal-attrici minghand turnkey contractor u tahom lill-attrici fil-presenza ta' neputija. L-attrici ma tatux risposta dak il-hin ghax marret tiehu parir minghand il-perit taghha. Wara xi granet cemplitlu u qaltlu li seta' jibda bix-xoghol.

Il-konvenut qal illi x-xoghol sar kif xtaqet l-attrici ghax hi kienet il-hin kollu prezenti mal-haddiema u fejn kien hemm xi affarijiet li xtaqet tbiddel jew tirranga, kienet kuljum tmur fuq il-post u gieli aktar minn darba u tghid lill-haddiema biex ibiddlu jew jirrangaw minghajr ma' gieli tikkonsulta mal-konvenut qabel. Xi kultant hi kienet tmur u zzid xoghol li ma kienx miftiehem bhal aktar points tad-dawl u tal-ilma, twahhil ta' hadid ghal-linef minhabba x-xorok, tindif tal-medded l-antiki tad-drenagg mirdumim fil-kantina, tkissir tal-kamra tal-banju fil-kantina u hafna affarijiet ohra. Huwa sostna li meta kienet tigi ghall-hlas, hi kienet tirrifjuta li thallas lill-haddiema aktar u ghalhekk kienet tohloqlu problema ghax huma kienu jduru fuqu ghal aktar flus. Huwa

kemm-il darba kellu johrog xi flus mill-but biex itaffi hafna problemi u kemm-il darba qal lin-neputi taghha li ser jieqaf mix-xoghol ghax l-attrici ma kinitx qed taghmel sew. Dan kien jghidlu li dik mara kbira u biex jissaportiha naqra.

David Mallia tenna li wara li ghamel ammont ta' xoghol mhux hazin bhal dawl, ilma, tikhil u kontrabejt, l-attrici kienet waqghet lura fil-pagamenti taghha. F'dan l-istadju, hi qaltlu wkoll li hi bhalissa m'ghandhiex flus biex thallas kollox ghax ghadhom kif baghtu ghaliha biex tixtri qabar u kellha bzonn hafna flus f'idejha. Huwa wegibha li ma jimpurtax u ghamlilha karta ohra tal-ammont li kellha taghtih fuq ix-xoghlijiet ta' qabel bdew il-madum. (Dok A).

Meta kienu waslu ghall-madum, l-attrici qaltlu li kienet rat xi madum go *showroom* hawn Malta u staqsietu wara li urietu xi kampjuni jekk setghax jixtri bhalu imma irhas. Hu kellem lil wiehed li jimporta l-madum u li kellu madum identiku ghal dak li gabet l-attrici u hu rrangalha mieghu fuq ix-xiri ta' dan il-madum bi prezz ridott milli kienet rat hi. Hija accettat u ftehmu fuq id-delivery tal-istess madum. Huwa qalilha biex tkun prezenti meta jasal il-madum halli thallas lill-importatur mill-ewwel. Il-konvenut kien prezenti meta wasal il-madum biex jiccekja li giet il-kwantita' li kienet ordnat l-attrici. Kuntrarju ghas-soltu, hi ma marritx u meta cemplilha biex tigi ha thallas, hi qaltlu biex ihallsu hu ghax inqaletilha quddiesa ta' funeral. Huwa hekk ghamel. Fil-granet ta' wara cemplilha ghal diversi drabi biex thallsu u qalilha li mhux ser jibda jwahhal il-madum imma ser igorru ghandu. Hi giet b'hames mitt Lira Maltin (Lm500) u qaltlu li l-ohrajn ha taghtihomlu bil-mod u huwa ghamlilha karta li tispjega dan kollu (Dok. B, C, D).

Il-konvenut qal illi wara dan huwa qabbad lit-*tiler* jibda bix-xoghol tat-tqeghid tal-istess madum. Waqt li kien qed jitwahhal u wara li wehel dan il-madum, hi ghogobha hafna u gabet il-perit taghha biex jiccekja x-xoghol bhal

ma dejjem ghamlet. Kif certu Raymond Dalli lesta l-madum, hija qaltlu proset u kellmitu fuq il-madum tal-kmamar tal-banju. B'hekk hi xtrat il-kmamar tal-banju u regghet ma gietx meta saret id-delivery. Hawn huwa ma hallasx flus u qalilha biex tiftihem hi ma' tal-madum. Raymond Dalli qabad iwahhal il-kamra tal-banju u waqt dawn il-granet il-konvenut kien icemplilha l-hin kollu biex thallas tal-madum u tat-tiler tal-madum tal-istess art. Dawn il-flus hallsithom u halliet biss il-bilanc fuq ix-xoghol ta' qabel.

Raymond Dalli lesta l-kamra tal-banju u hi ghogbitha hafna imma kif lesta, cemplet lill-konvenut u qaltlu li mhux ser tkompli bix-xoghol. Huwa staqsiha jekk kienx hemm xi haga fil-kamra tal-banju li m'ghogobhiex u qaltlu li x-xoghol ghogobha imma m'ghandhiex aktar flus biex tkompli. Hawnhekk huwa staqsiha dwar x'ha jaghmlu fuq il-bilanc li baqghalha taghtih fejn kellha wkoll taghtih il-flus ta' idejn it-tiler ta' din l-istess kamra tal-banju (Lm250). Hi rrispondietu li m'ghandha taghtih xejn. Huwa thawwad b'din ir-risposta u ghamel diversi tentattivi bit-telefon biex jipprova jiftiehem maghha halli jigbor il-flus dovuti imma ghalxejn. Huwa gieghel lit-tiler biex icemplilha biex jigbor il-flus pendenti fuq il-kamra tal-banju izda l-attrici qaltlu li hi ma tafux ghax hi qatt ma qabditu biex jahdmilha. Ghalkemm huwa skopra recentement li hi fethet kawza lill-istess Raymond Dalli fuq dan ix-xoghol.

Il-konvenut sostna li l-flus li kellu jiehu ghadu ma gabarhomx u l-attrici iccekjat ix-xoghol li ghamlu l-haddiema dak iz-zmien flimkien mal-perit taghha u f'xi drabi fil-presenza tal-konvenut u kien tajjeb. Hu jaf li warajh hadmu xi nies ohra imma ma setghax jikkumenta x'gara wara ghax ma jafx.

Il-konvenut jistaqsi ghaliex dan ix-xoghol ma baqax tajjeb. Huwa jahseb li l-attrici mhux talli ma hallsitx il-flus li kellha taghti, imma wkoll riedet aktar mill-flus li veru hallset ghax hi kull ma hallset kienu erbat elef lira Maltin (Lm4,000) ekwivalenti ghal disat elef, tliet mija u sbatax-il Ewro u disgha u erbghin centezmu (€9,317.49) u qieghda titlob aktar ghax hi qed titlob hdax-il

elf, tliet mija u disghin Ewro (€11,390). Il-flus li hallset huma mmarkati bhala Dok E.

**David Mallia** xehed fit-2 ta' Mejju 2012 fejn iddikjara li x-xoghol in kwistjoni sar fis-sena elfejn u sitta (2006). L-ahhar pagament li rcieva dwar ix-xoghol li kien lesta kien fit-18 ta' Awwissu elfejn u sitta (2006). Anne Bonello qatt ma' lmentat mieghu dwar it-tip ta' xoghol li sar. Fl-14 ta' Jannar, 2009 kif irrizulta mit-timbru a fol 44, huwa kien ircieva ittra ufficjali li kienet ipprezentat l-attrici fil-konfront tieghu nhar il-11 ta' Dicembru 2007.

**David Mallia** rega' xehed in kontro-ezami fis-16 ta' Jannar 2013 fejn iddikjara li l-invoices li ghandu jaqblu perfettament ma' dawk l-invoices li gew prezentati flimkien mal-affidavit tal-attrici. Il-konvenut esebixxa kopja taghhom li l-Qorti immarkathom bhal dokument DM. Huwa spjega li huwa ma tahiex l-ircevuti tal-hlasijiet li ghamlet s'issa. Huwa lest li jaghtiha ricevuta fiskali una volta li thallas *ghas-saldu*. Huwa staqsa kemm-il darba lill-attrici biex thallsu permezz ta' telefonati. Huwa kkonferma pero' li kien baghtilha ittra ufficjali fil-15 ta' Jannar 2009, liema ittra tinsab inserita fl-atti a fol 51.

Huwa stqarr li kemm-il darba kien jitlobha l-flus u sahansitra anke kien qabbad lil Raymond Dalli iccemplilha, pero' din hija l-unika azzjoni legali li huwa kien ha. Huwa ma qala' xejn f'din il-kwistjoni minn fuq l-attrici u lanqas minn fuq il-madum. Il-konvenut ikkonferma li apparti dokument A esebit a fol 65, hemm karti ohrajn, karti ta' dokumenti fejn hija hallsitu, u li hu prezenta fil-bidu tax-xhieda tieghu. Huwa kien ghadu ghaddej bix-xoghol meta hareg Dokument B, u cioe' fl-1 ta' Novembru 2006. Pero' meta hareg id-dokument C u D f'Jannar 2007, huwa kien wieqaf mix-xoghol. Huwa kien qabbad lit-*tiler* f'Settembru 2006.

Il-konvenut spjega li dokument C huwa ricevuta tal-elf lira li kienet hallset mill-bilanc li kien ghad baqghalha thallas dwar it-twahhil tal-banju. Din mhix invoice ghall-konvenut izda hija karta bhala ricevuta tal-hlas li rcieva. Dokument D hija l-istess haga, ghalkemm hemm miktub li hija cash sale u invoice, din fil-fatt hija ricevuta tal-ammont ta' flus li l-konvenut kien ircieva minghand l-attrici fl-ammont ta' elf u sitta u disghin ewro (€1,096).

Skont dokument B, l-attrici kellha taghtih elf u disgha mija (1,090) oltre l-VAT. Huwa stqarr li hu effettivament kien hallas is-somma ta' elfejn mitejn u tnejn u erbghin lira maltin (Lm2,242) ghal madum, skont id-dokument li esebixxa huwa stess li l-Qorti immarkat bhala dokument S. Il-konvenut tenna li skont dokument C, hi halsitu elf lira maltin (Lm1,000) mhux ghall-madum biss imma anke in konnessjoni max-xoghol li sar gewwa r-Rabat. Huwa ikkonferma li huwa ma baqax jahdem minn wara Novembru tal-2006. Hu rega' ikkonferma li l-hames mitt lira (Lm500) li hallsitu kienu akkont tal-madum kif hemm miktub fid-dokument B.

**Chris Mallia** xehed nhar it-8 ta' Frar, 2012 u spjega li huwa jigi hu l-konvenut u bhala xoghol jahdem il-Bank of Valletta. Spjega li f'Ottubru 2006 kien jahdem l-HSBC Call Centre, Swatar. Mistoqsi jekk jafx l-attrici prezenti fl-awla jghid li le ma jafhiex u qatt ma' ltaqa' maghha. Mhux minnu dak li gie allegat fil-konfront tieghu li huwa ltaqa' mal-attrici r-Rabat, l-HSBC flimkien ma' ommu u ghaddietlu s-somma ta' elfejn u mitt lira Maltija (Lm2,100). Huwa ma ghandu x'jaqsam xejn ma' huh u ma marx jigborlu l-ebda flus. Ommu ghandha hamsa u sittin sena, u fil-fatt tbati bil-kundizzjoni tal-Glaucoma u ilha tbati b'din il-kundizzjoni ghal diversi snin. Ommu ma taghmel l-ebda *debt collection* ghal huh lanqas. Tenna bil-gurament li lill-attrici ma jafhiex.

**Kevin Abela** xehed fit-28 ta' Marzu, 2012 fejn iddikjara li l-attrici hija z-zija tieghu. Fil-fatt kien huwa stess li ntroduca l-konvenut ma' zitu. Huwa stqarr li

effettivament l-attrici kienet talbitu biex jaghmel certu xoghol fosthom dawl, ilma, tikhil u l-bzonnijiet kollha li hemm bzonn fid-dar. Huwa kien prezenti ghal din il-laqgha meta ftehmu. Dan kellu jsir fil-propjeta' ta' l-attrici stess gewwa r-Rabat. Mistoqsi jekk intlahaqx ftehim dakinhar qal li iva, effettivament intlahaq ftehim kemm dwar it-tip ta' xoghol li kellu jsir kif ukoll dwar il-prezz. Huwa ddikjara li kienu ftehmu fuq somma globali, xi sitt elef Lira Maltin (Lm 6,000). Dakinhar ma jafx li kien sar xi ftehim dwar xi depozitu li kellu jsir.

Mistoqsi jekk ix-xogholijiet sarux ix-xhud jghid li iva, effettivament ix-xogholijiet saru, u dan ghax kien jitla' x-xhud stess sabiex jivverifika li x-xogholijiet kienu qed isiru u jsiru tajjeb. Fil-fatt kienu saru xi pagamenti wkoll u dan bla problemi ta' xejn. Mistoqsi jekk ix-xogholijiet kollha tlestew, jghid li le mhux kollha, pero' kull darba li kien jaghmel bicca xoghol, kien jithallas taghha. Meta kien hemm affarijiet li ma kienux ghas-sodisfazzjoni taghha, huwa kien icempel lil David, kien jitla' u kien jirranga dawk il-kwistjonijiet u sa fejn kien jaf ix-xhud kollox kien sejjer sew bejniethom.

Ix-xhud qal li nqala' xi dizgwid bejniethom u l-attrici kienet qalet lix-xhud li ma xtaqitx li thallas lill-konvenut. Huwa kien staqsieha ghaliex peress li x-xhud qalilha li kien ferhan b'dak ix-xoghol li kien sar, pero' lilu ma taghtux raguni ghaliex ma riditx thallsu. Lix-xhud qaltlu li ma kinitx ser thallsu, u xorta xtaqet li jkompli jghinha. Ix-xhud qalilha li ma kienx lest li jghinha u dan ghaliex una volta x-xoghol sar, hija kellha thallsu. Ix-xhud ma jafx ghal x'hiex qed jitlob illum David. Ix-xhud stqarr illi huwa mbaghad qabad u qata' hesrem, ghax ma setghax jifhem aktar.

Mistoqsi jekk jaghrafx il-firma taz-zija jghid li le ma jarafhiex. Huwa kull ma' jista' jghid hu li meta David ghamel bicca xoghol, kienu jmorru l-bank biex jithallas. X'baqa' bhala bilanc huwa ma jistax jghid. X'gara effettivament f'daqqa qal li ma jafx. Mistoqsi jekk il-madum kienx gie

installat qal li iva kien lest u fil-fehma tieghu kien sar tajjeb. Mistoqsi jekk effettivament thallasx ghal dan ix-xoghol rigwardanti l-madum, qal li dwar dan ma jafx.

Rat illi fis-seduta tal-20 ta' Frar, 2013 il-Qorti tat sentenza preliminari fejn giet michuda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta u l-Qorti ordnat il-prosegwiment tal-kawza.

**Christopher Mallia** xehed fl-4 ta' Ottubru, 2013 fejn iddikjara li huma qeghdin hamest itfal id-dar. Huwa ghandu zewgt ahwa bniet u tnejn subien. Huwa stqarr illi peress li jahdem, ma jkunx jaf fejn tmur ommu filghodu. Huwa ma ghandu x'jaqsam xejn man-negozju ta' huh ghax qatt ma jghinu u ma jafx li hemm xi hadd minn hutu li jghinu. Huwa ddikjara li jahdem il-Bank of Valletta. Mistoqsi jekk huwa qattx akkompanja lil ommu jew lil huh ghand l-attrici fl-awla biex tigbed xi flus wiegeb li le qatt ma ghamlu. Huwa ilu jahdem mal-bank mit-2 ta' Ottubru 2006 anzi mal-HSBC. It-3 ta' Ottubru 2006 kien it-tieni jum tax-xoghol tieghu gdid mal-HSBC. Huwa esebixxa dokument biex jikkonferma dak li ghadu kemm qal. Dan id-dokument gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument CM.

**Anna Bonello** xehdet fl-4 ta' Ottubru 2013 fejn iddikjarat li l-bieb ta' barra li ghandha fil-prezent ma kienx sar minn David. Hija qalet li l-bieb ta' barra twahhal wara li kienet waqqfet lil David pero' ma tiftakarx meta twahhlu l-aperturi. Hija taf li waqt li David kien qed jaghmel ix-xoghol kien hemm bieb wiehed bil-katnazz. Wara li spicca David jew waqqfitu hi, qabbad haddiema ohra. Fil-fatt wara li waqqfet lil David beda jahdem Raymond Dalli u taf li wara li waqqfet lil Raymond Dalli kien hemm persuna ohra li bdiet tahdmilha. Ix-xoghol fil-kantina u l-kommunikazzjoni tal-ilma fil-kantina kien sar minn nies ohrajn li kienet qabbdet wara li kienet itterminat ix-xoghol lill-konvenut. Huwa kien qabbad lil haddiehor ghax l-ilma tal-bjut minflok ma dahal fil-bir kien dahal fid-dranagg u ferra isfel.

Hija ddikjarat li ma bniet l-ebda kmamar, fl-ebda hin ma kabbret il-post. Taf li kienu rrangawlha l-hsara li kien ghamel il-konvenut. Ghal madum fil-fatt hija hallset lill-konvenut u minflok ma' zammilha erba' liri u nofs zammilha kemm ried, hmistax il-lira il-metru. Hija ma tafx min ghamel l-iskirting lanqas. Ma tafx jekk effettivament kinitx qabbdet lil David biex jaghmel xi skirting jew le. Mistoqsi jekk ghandhiex xi ricevuti tal-hsarat, wiegbet li dawk li kellha ghaddiethom kollha lill-avukat. Hija tiftakar li l-konvenut ma riedx jithallas permezz ta' cekk. Il-konvenut flok ma taha l-indirizz tal-bieb tieghu taha indirizz ta' bieb falz.

**Il-Perit Carmel Farrugia** xehed fl-4 ta' Ottubru 2013 fejn gie muri relazzjoni li tinsab inserita fl-atti u mmarkata mil-Qorti bhala dokument CM a fol 42 u qal li dan ir-rapport huwa mahrug minnu u kkonferma l-kontenut tieghu. Huwa kien acceda fuq il-post ftit qabel ma ghamel ir-rapport tieghu, xi jumejn qabel. Huwa ma jafx kienx gie nfurmat meta s-sur Mallia gie mwaqqaf mix-xoghol. Il-Perit ma kienx ikun prezenti meta s-sur Mallia kien ikun qieghed jahdem. Bejn Ottubru 2006 u Settembru 2007 huwa ma kienx ikun prezenti fuq ix-xoghol pero' jaf li bejn dan il-perjodu kien hemm haddiema ohra li hadmu wara Mallia.

Il-perit kull ma jista' jghid huwa li wara li hareg ir-rapport tieghu, kien hemm nies differenti qeghdin jahdmu fil-post. Mistoqsi jekk kienx hemm aperturi fil-post meta mar, wiegeb li ma jafx, jekk ma kitibx ma jkunx jaf. Il-Perit spjega li l-bieb ta' barra kien konsistenti bieb b'zewg panelli, zewg bibien u kien bieb maghmul kif suppost skont is-sengha u l-arti. Il-bieb li hemm illum il-gurnata huwa l-istess bieb li kien hemm qabel. Ghalkemm il-parti ta' taht kien gie sserrat ghaliex il-madum kien oghla minghajr ma kien hemm bzonn.

Il-Perit tenna li fil-bidu meta kien imur jiccekkja x-xoghol tas-sinjura Bonello kien ikun hemm in-neputi, izda wara certu zmien dan ma baqax jigi. Huwa

kien gie ghal hmistax sakemm bdew il-bennejja imma imbaghad daqshekk. L-istruttura tal-bini, il-gebel u l-konkos ma sarx mis-sur Mallia. Huwa kkonferma wkoll li s-Sinjura Bonello ghamlet alterazzjonijiet strutturali fil-bini. Din l-*extension* saret propju fil-kcina minn dawn il-bennejja. Bhala alterazzjonijiet il-Perit qal li saret kamra fuq wara li hija l-kcina u kamra tal-banju. Fil-fatt tqeghdu x-xorok sabiex l-estetika tal-kantina tibqa' l-istess uniformi u fuq ix-xorok inghata wkoll il-konkos. Il-konkos tqieghed b'mod li l-livell tal-madum pero' jibqa' l-istess. Fil-fatt il-perit stqarr li l-*brief* tieghu kien sabiex il-livell tal-madum originali ma jinbidilx.

Il-perit tenna li huwa kien qed josserva x-xoghlijiet waqt li kien hemm il-bennejja. Il-fehma tieghu qatt ma biddilha, u allura qaghad attent biex il-madum originali ma jinbidilx. Ghalhekk il-konkos li tpogga, kien hemm spazju bizzejjed sabiex meta jitqieghed il-madum, dan ikun tal-istess livell. Issa f'dan ir-rapport iddecieda li jekk il-klijenta iddecidiet li tbiddel il-madum, kellu jinqala' l-madum originali, sabiex il-madum kollu l-gdid ta' fejn kien hemm madum antik u fejn kien ser jitpogga l-gdid ikun ta' l-istess livell. Huwa fl-ebda stadju ma kien prezenti waqt li David kien qieghed jaghmel il-madum u mhux minnu li huwa kien hemmhekk u ha l-kejl u kollox kien kif suppost. Huwa stqarr li x-xoghol ma kejlux. Mistoqsi min qallu li effettivament il-prezz tal-madum kien wiehed gholi wiegeb li naturalment huwa kiteb dak li qaltlu l-klijenta Anna Bonello. Illum il-gurnata huwa ma jiftakarx bl-amment kemm nefqet metru kwadru. Huwa ma jafx jekk kienx hemm ftehim jew le dwar l-iskirting, huwa kull ma qal huwa kif kellu jsir ix-xoghol. Pero' dwar il-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet huwa ma kienx prezenti. Huwa fir-rapport kiteb biss kif tmur fuq is-sengha u l-arti u mhux effettivament dak li qaltlu Anna Bonello. Huwa jghid li meta jsir il-madum ghandu jsir l-iskirting biex ikun hemm finish tajba.

Il-perit spjega li t-tip ta' umdita li huwa ndika fir-rapport tieghu ma tkunx dik generata f'kaz li ma hemmx aperturi u tidhol ix-xita fil-post. Din hija tip ta'

umdita differenti. Fil-fatt ix-xhud jahseb li probabilment din l-umdita kienet mas-saqaf u l-ilma ma jitlax il-fuq. Huwa ma jistax jghid f'liema sitwazzjoni kienu l-pajpijiet fil-kamra tal-banju meta effettivament il-konvenut twaqqaf mix-xoghol. Huwa kull ma jista' jghid huwa li meta ghamel l-access fuq il-post f'Settembru 2007 dawn ma kienux komunikati. Hu ma jafx effettivament x'hallset l-attrici fuq ix-xoghol tal-banju. Huwa ddikjara li kkalkula biss l-ammont ta' flus li ghandhom jithallsu ghal hsara li ra.

**David Mallia** xehed fl-4 ta' Ottubru 2013 fejn ipprezenta zewg affidavits li l-Qorti mmarkat bhala Dokument Z u Z1 u prometta li jghaddi kopja tal-istess lill-kontroparti minnufih. Huwa kkonferma l-kontenut ta' dawn iz-zewg affidavits.

Fl-ewwel affidavit ta' David Mallia huwa ghamel referenza ghall-affidavit tar-rapport tal-perit ipprezentat quddiem il-Qorti mill-attrici. Huwa tenna li hemm xi punti li ma kienx ikkummenta fuqhom ghax m'humiex imsemmija fl-affidavit tal-attrici.

*Leaking plumbing installation near meter* – Il-konvenut spjega li l-plumbing huwa wiehed mill-ewwel affarijiet li saru f'dan il-post. Wara sar id-dawl, il-kisi minn barra u minn gewwa u l-madum fost ohrajn. Huwa sostna li jekk kien hemm xi leak kienu ser jindunaw bih ghax minn meta sar il-plumbing sa meta saru dawn ix-xoghlijiet ghadda hafna zmien u l-ilma kien qed jintuza l-hin kollu ghax ix-xoghlijiet imsemmija kollha ghandhom bzonn l-ilma biex tahdimhom. Il-perit kien qal fir-rapport illi hu nfurmat mhux li hu ra l-leakage. Il-konvenut sostna li dan ma jistax ikun sakemm ma marx xi hadd jahdem warajh u baghbas is-sistema. Huwa ma kellux x'jaqsam ma' dan ix-xoghol u sa meta kien qed jahdem fid-dar tal-attrici zgur li ma kien hemm l-ebda leak ta' ilma.

*Gypsum rendering on old corbels came down* – Hawn il-perit qal li l-kisi fis-soqfa kienu msaqqfin bix-xorok f'xi partijiet waqa' u kellu jerga' jsir. Dawn huma s-soqfa tas-salott, l-entrata u parti mill-kcina. Il-konvenut iddikjara li jekk il-kahhala li qabbad huwa stess ghamlu xoghol hazin, il-perit kien ser iqabbad lil dawn l-istess kahhala meta prova jiehu t-Turnkey Contract. Dan qalulu l-kahhal stess meta gabu biex jara x-xoghol qabel ma beda jahdem meta qallu li kien diga mar jara x-xoghol mal-perit. Huwa tenna li l-attrici ma tatx ix-xoghol lill-perit ghax il-prezzijiet tax-xoghol tal-perit kienu ferm ghola minn dak li taha hu. Ir-raguni kienet li l-konvenut ghamel dan ix-xoghol bi pjacir ghan-neputi tal-attrici u ma kienx hemm element ta' profitt fih.

Rigward ix-xoghol hazin, ix-xhud spjega li peress li x-xorok kienu hemm u kienu mizbughin, huwa nforma lill-attrici li x-xorok riedu jimbarxu u wara jinksew pero' kien ser jinvolvi hlas zejjed. Hija mill-ewwel qalet le ghal aktar flus u wegbitu "l-aqwa li jinkesa pulit". Ghalhekk huwa qal lill-kahhala biex jiksfu s-soqfa u joborxu kif jistghu izda ma kienux ser jithallsu izjed tal-brix u huma hekk ghamlu.

*Missing MCB* – Fuq dan il-punt huwa ddikjara li l-*consumer unit (fuse box)* armaha kollha u l-plakek u l-iswitches kienu ilhom jintuzaw. Il-konvenut spjega li kieku kien hemm MCB nieqes jew id-dawl jew il-plakek ma kienux jahdmu. Huwa ma jafx jekk dan l-MCB naqasx pero' jiddubita ghax il-prezz ta' MCB huwa ta' 2.33 Ewro u hadd ma jghaddilu minn mohhu jaghmel dan.

*Main door does not open fully ajar* – Huwa ddikjara li ma ghamlux hu dan il-biex u fil-fatt sakemm kien imur fuq il-post tal-attrici dan il-bieb kien ghadu ma sarx.

*Electrical socket placed too near plumbing installation* – Il-konvenut ghamel dawn is-*socket outlets* barra l-bieb tal-kamra tal-banju u hija prattika normali

li l-plakka ssir magenb is-switch li tinxteghel l-istess kamra. Huwa stqarr li l-plakka ghamilha fejn riedet l-attrici.

*Excessive rain water ingress* – Il-konvenut iddikjara li l-ilma li dahal fil-propjeta' ma setax dahal mill-hitan ghax kienu miksija minn barra u mizbugha bl-ahjar zebgha ta' barra fuq is-suq u l-faccata li hija hajt dobblu giet imkahhla u mizbugha b'silicone apposta. Huwa ddikjara li anke li kieku ma nzebghux u ma nksewx l-ilma xorta ma setghax jidhol ghax l-estensjoni tal-bini fl-ewwel sular u fil-*washroom level* saru bil-bricks mhux bil-franka. Dan peress li l-briks hu mtaqqab u jekk jidhol xi ilma ha jmur fit-toqob.

Il-konvenut spjega li l-ispezzjoni saret f'Settembru tas-sena 2007 u hu kien ilu lest minn Ottubru 2006 jigifieri x-xita qalila kienet zgur nizlet f'sena shiha. Huwa jiftakar li l-attrici ma kellhiex aperturi fil-post taghha. Li gara hu li meta ghamlet ix-xita ghal diversi drabi, l-ilma dahal minn gol-bibien u t-twieqi ta' kullimkien u gera fuq il-madum sa mal-hitan. B'hekk il-perit sab il-hitan imxarrbin ghax ma kienx hemm ilquh bil-plastik jew xi aperturi.

*Gap between roof surface and rain water pipe* – Fir-rigward tax-xaqq bejn il-kontrabejt u l-katusa tal-ilma tax-xita, il-konkos jiccaqlaq bis-shana u l-kesha. Huwa ghamel il-kontrabejt fil-bidu li beda jahdem allura wara sentejn huwa ovvju li ha jifformaw *cracks* u xi tip ta' xaqq. Il-bejt jinhtieglu manutenzjoni kull stagun minn sid id-dar u x-xaqq ried jimtela' b'materjal apposta (roof compound).

*Missing skirting* – Huwa ddikjara li l-attrici qatt ma geghlitu jaghmel skirting. Huwa jahseb li Anne ftehmet ma' xi hadd iehor biex iwahhal l-iskirting u mhux mieghu. Fil-fatt ma jidher imkien li hi xtrat xi skirting biex jitwahhal mill-konvenut.

*Cost of tiles* – Meta l-attrici xtrat il-madum, il-prezz fis-suq kien ta' Lm18.50 ghal kull metru kwadru. Dan kienet qalitulu l-attrici stess wara li marret iddur biex tixtri l-madum. Huwa kien kellem lill-importatur tal-madum u cempillu minn hdejha stess u rrangalha l-prezz ghal Lm13.10 (€30.50) kull metru kwadru u mhux €36.10 kif kiteb li gie nfurmat il-perit. Il-konvenut tenna li huwa ma jafx min ta nformazzjoni lill-perit li l-madum jiswa €10.50 kull metru kwadru. Huwa veru li l-perit qal li gie nformat u allura qieghed jikteb skont l-informazzjoni li nghata, huwa veru wkoll li dan kollu l-perit ghoddu mas-somma globali tad-danni.

*Mark-up* – Fir-rapport il-perit qal li huwa accettabli li haddiem jaghmel 3% mark-up. Huwa ddikjara li rigward il-madum ma setax izid 3% peress li kien cempel lill-importatur quddiem l-attrici. Fil-fatt hija lanqas taghtu tal-VAT fuq il-madum u kellu johrogha l-konvenut minn butu. Din tixhdu l-ircevuta fiskali li huwa pprezenta ta' LM2242 u l-ammont li hallset l-attrici ta' Lm1900. Il-konvenut stqarr li hu meta jahdem mal-periti l-hlas taghhom ikun ta' 7% jew aktar u allura ma jafx kif il-perit qieghed jistma' xoghol il-haddiema kollha u jahdem l-"overcharging". Huwa ddikjara li qatt ma ra periti jaghmlu dan ix-xoghol.

*Cost of screed below tiles* – Il-perit ikkuba t-torba (3/8 bir-ramel) ta' taht il-madum u kkonkluda li kien hemm hlas zejjed. Dan mhux minnu ghax fir-rapport il-perit ma semmiex li apparti mit-torba trid iggib ukoll ir-ramel wahdu biex thalltu mas-cement biex twahhal il-madum. Il-konvenut iddikjara li d-differenza li semma l-perit hija r-ramel li gab biex it-tiles ikun jista' jwahhal il-madum.

In konkluzjoni l-konvenut ma jarax ghalfejn il-perit li kien icempillu ta' spiss qatt ma semma xejn waqt ix-xoghol u issa li waqaf, ghamel rapport bhal dan. Huwa jahseb li l-attrici ghamlet hafna pressjoni fuq il-perit biex jaghmel dan ir-rapport.

Fit-tieni affidavit tieghu, il-konvenut ghamlu bhala risposta ghall-affidavit ta' Anne Bonello. Fir-rigward tal-katusi tal-ilma tax-xita mitfughin ma' dawk tad-drenagg il-konvenut iddikjara li l-attrici ghandha kantina fid-dar taghha u ghalhekk id-drenagg huwa sular l-isfel mil-livell tat-triq. Id-drenagg taghha possibilment huwa komuni ma' dak tal-gar taghha. Ghalhekk huwa kien qal lill-attrici li l-katusi tal-ilma tax-xita jridu jghaddu minn mal-hajt u mas-saqaf tal-kantina izda hi ma riditx katusi jidhru fil-kantina u ghalhekk qaltlu biex iqabbad ma tad-drenagg. Huwa stqarr li ma kellu l-ebda problema jghaddi medda katusa ohra ghax kien ser jithallas taghha. Izda din kienet ghazla taghha li jsir hekk. Pero' meta far id-drenagg taghha minflok ma kkonkludiet li d-decizjoni taghha kienet wahda hazina hija wahhlet f'haddiehor.

Fl-affidavit taghha l-attrici qalet li kienet thallsu bil-quddiem. Il-konvenut cahdu dan u xhieda ta' dan huma l-istess ircevuti li prezentat hi stess tax-xoghol u materjal. Id-dati tal-materjal bhal madum jghidu li hi hallset parti u ghad baqala taghti ammont iehor ta' dan il-materjal. L-ircevuti tax-xoghol kollha jghidu "for work done" jigifieri x-xoghol sar u mhux li ghadu ser isir. Huwa ddikjara li qabel ma kienet thallas, l-attrici kienet tmur ghand il-perit u ggibu jara x-xoghol.

Il-konvenut spjega li dwar l-ammont li l-attrici ghad baqala taghtih hi kienet gibdithom mill-bank biex thallsu skont kif jidher mill-karta tal-BOV li hi pprezentat mal-affidavit taghha. Fil-fatt meta hu kien ghamlilha l-karta bl-ammont li kellha taghtih dakinhar stess hija marret tigbed l-ammont mill-bank izda baqghet ma tathomlux. Hija kienet iffirmatlu dokument li jghid li ghad baqala taghtih dak l-ammont ta' flus. Fuq li l-attrici tat il-flus lil huh il-konvenut ma jistax jifhem b'dan ghax huh huwa mpjegat u dak il-hin hu kien ghax-xoghol (anness mal-affidavit hemm dikjarazzjoni minn huh li dakinhar kien ghax-xoghol il-gurnata kollha).

Rigward l-ghatu tat-tank, il-konvenut spjega li warajh kienu dahlu jahdmu xi haddiema ohra u zgur li ma kinitx l-attrici li telghet fuq il-washroom. Jista' jkun li xi hadd li hadem warajh fetah l-ghatu u ma regax ghalqu kif kien. Huwa ddikjara li l-ghatu kien ghalqu tajjeb.

Il-konvenut spjega li fuq il-livell tal-art fil-*ground floor level* kien sar zball mill-perit jew bennejja li hadmu fil-post qablu li kienu mqabdin mill-perit. Dan peress li f'dan is-sular l-attrici ghamlet estensjoni li tikkonsisti fil-kcina u l-kamra tal-banju. Peress li l-kantina hi msaqqfa bix-xorok, l-estensjoni saret l-ewwel bix-xorok u wara nghata saqaf konkos fuq dawn ix-xorok. Is-saqaf tal-konkos tela' sal-livell tal-madum li kien hemm ezistenti. Allura stqarr li ma jaghmilx sens li jinqala' l-madum l-antika biex titbaxxa l-art ghax il-parti li giet estiza kienet ser tigi ghola mill-kumplament.

Fir-rigward ta' pjanta tad-dawl li jghidulu *circuit diagram*, dan ma jurix kif fizikament il-pajp tal-*conduit* ghadda mill-hajt imma juri biss kif inhi *wired* is-sistema tal-elettriku. L-attrici qieghda tirreferi ghal ritratti jew sketches li gieli s-sidien tal-proprjeta jiehdu meta jkun qed jghaddi l-conduit biex jekk fil-futur ikollhom bzonn ikissru jew xi haga ohra jiftakru minn fejn hemm wires ghaddejin mill-hajt. Huwa qal li jekk kien hemm xi haddiema li laqtu xi pajp meta marru jtaqqbu, lilu hadd ma cempillu biex jghidlu minn fejn kienu ghaddejjin il-pajpijiet tal-conduit. Dan ifisser li l-haddiema qabdu jkissru bl-addocc.

Huwa ddikjara li meta waqaf jahdem ghand l-attrici il-bieb ta' barra l-gdid kien ghadu ma sarx. Huwa jiftakar li kien hemm bieb qadim li kien inqata' temporanjament bl-addocc mill-mastrudaxxa li qabdet l-attrici biex ikun jista' jitlesta l-madum. Ghalhekk ma jifhimx ghalfejn ghandu jkollu x'jaqsam mal-problemi li ghandu dan il-bieb.

Fir-rigward tad-drains tal-kcina u tal-washroom, huwa kkonferma li ma sarux u li l-attrici ma hallsitx taghhom. Dan ghax hi ma riditx tkompli thallas tax-xoghol li sar qabel u waqfitu milli jkompli jahdem.

Il-konvenut cahad illi l-attrici ma tifhimx fix-xoghol ghax matul u wara kull bicca xoghol li saret kienet iggib il-perit u lill-neputiha biex jaraw ix-xoghol u meta l-perit ikollu xi diffikulta' kien icempillu minn hdejha stess jew iltaqghu waqt li kien ghaddej ix-xoghol. Ghalhekk kieku l-perit ra li x-xoghol ma kienx qed isir tajjeb kien jigbidlu l-attenzjoni mill-ewwel mhux wara li lesta.

Huwa spjega li fir-residenza tieghu f'Attard ghandu zewg entrati u mid-dehra l-attrici marret fil-bieb li ma jintuzax. Pero' qal li l-postwoman taf li hemm bieb iehor. Ghalhekk huwa ma jahsibx li l-postwoman qaltilha hekk kif iddikjarat Anne fl-affidavit taghha. Huwa esebixxa ritratt tal-bieb principali.

Rigward il-madum l-attrici ma hallsitux mill-ewwel. Hija bdiet thallas wara li marret mal-perit taghha ghax hasbet li l-prezz globali huwa gholi biex terga' tkejjel u tahdem il-prezz. Dan jafu ghax il-perit cempillu minn hdejha u staqsieh kemm kien il-metracc totali u malli qallu, il-perit qal lill-attrici "mela dan il-kont tajjeb Anne".

Rigward il-prezz gholi tat-twahhil tal-madum u li l-haddiema tieghu gibdulu l-attenzjoni dan m'hu veru xejn. Huwa ddikjara li l-prezz li ccargja lill-attrici kien l-istess prezz li kien ta lit-tiler. Tant hu hekk li kien qal lil Anne li jekk ghandha xi diffikulta fuq il-prezz setghat tkellem direttament lit-tiler. Hi hekk ghamlet fil-fatt u tat ic-cavetta tal-post lit-tiler. Kien hemm maduma mwahhla hazin u ftehmu li jew tinbidel jew li jiffrankalha Lm10.00 mill-kont. Ghalkemm it-tiler wahhal il-kmamar tal-banju lilu qatt ma hallsitu xejn. Dan l-ammont li kien ta' Lm250.00 huwa apparti mis-somma li ghandha taghtih izda peress li dak iz-zmien l-attrici kienet waqfitu milli jkompli jahdem, huwa m'ghandux karta li turi li l-attrici ma hallsitux ta' dan ix-xoghol (kamra tal-

banju wahda ghax wahda lahaq wahhal qabel ma waqaf jahdem). Pero' huwa hallas lit-tiler minn butu.

Fir-rapport tieghu l-perit semma xi rqaqat ta' xoghlijiet fil-kmamar tal-banju li m'humiex lesti. Dan ghax il-konvenut kien qal lit-tiler li ma kienx lest li jkompli jhallas aktar flus minn butu u jekk ried seta' jieqaf. Huwa stqarr li llum l-attrici fethet kawza kontra t-tiler fuq l-istess kwistjoni ta' xoghol.

Il-konvenut iddikjara li huwa mhux persuna li jsabbat, jidghi u jkisser. Huwa jahdem mat-tfal u jghallem fi skola tal-Knisja (De La Salle College) u ghalhekk ma jistax ikollu dawn il-vizzji ghax ma tantx kien idum fix-xoghol proprju tieghu. Huwa ilu ghoxrin sena jghallem. Hu ddikjara li Anne qed tipprova tivvinta xenarju li jiggustifika l-attegjament taghha.

**Anna Bonello** xehdet fl-20 ta' Novembru 2013 fejn giet mistoqsija jekk hija rrangatx il-hsara li kellha u wiegbet li rrangat parti mill-hsara. Hija rrangat dik il-parti fejn l-ilma kien sejjer fit-toilet, irrangat ukoll it-tarag u rrangawlha l-heaters ghax il-pajpijiet ma kinux imwahhlin tajbin u xi hsara ohra. Mistoqsi min irrangalha t-tarag wiegbet li kien certu Mario li llum huwa jinsab imsiefer. Mistoqsi mill-qorti sabiex tipprezenta l-ircevuta tal-hlas li ghamlet wiegbet li m'ghandhiex ircevuta. Mistoqsi min sewwielha l-heaters wiegbet li ma tiftakarx.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku AIC Mario Cassar u l-konkluzjonijiet minnu milhuqa fejn qal:

I. *"Illi l-esponent ikkonstata illi parti mix-xoghlijiet li ghamel il-konvenut fil-fond mertu tal-kaz, ma kinux skond is-sengha u l-arti. Jidher illi ma kienx hemm l-esperjenza teknika, u l-volonta' biex fil-fatt jinghata servizz skond is-sengha u l-arti. L-esponent huwa tal-fehma illi l-konvenut m'ghamilx supervizjoni adegwata waqt ix-xoghlijiet,*

*minkejja illi rrefera li l-attrici kienet tkun prezenti l-hin kollu waqt ix-xoghlijiet. Din mhix responsabbli tax-xoghlijiet, din ir-responsabilta' hija ta' min ha r-responsabilta' li jaghmel ix-xoghlijiet.*

*II.Min-naha l-ohra, l-attrici fdat lill-konvenut, illi dan seta' kien kapaci jaghmel ix-xoghol skond is-sengha u l-arti, ghax hasbet illi dan ghandu esperjenza biex iwettaq l-istess xoghlijiet. Fil-fatt deher car illi dan ta' l-ahhar kien biex wiehed li jissejhu turnkey contractors, illi jlaqqghu diversi sub-contractors u kull wiehed minnhom jaghmel parti differenti mix-xoghlijiet, u fl-ahhar jibqaghlu hlas ghal xoghlu.*

*III.Illi fl-ispjegazzjoni tieghu ta' kif wasal ghall-istima ta' €11,379, li tinkludi l-VAT hemm inkongruwenzi:*

1. *Illi certi stimi huma eccessivi.*
2. *Illi ma gewxipprezentati ricevuti tal-istess xoghlijiet.*
3. *Illi nonostante dawn huma ndikati illi saru, l-perit jinnota illi dawn huma stimi u mhux prova li gew ipprovduti quotations, li fuqhom seta' jibbaza r-rapport tieghu il-perit.*

*Estimi tax-xoghlijiet riparatorji huma ndikati fl-ispreadsheet Dok. EX1 u jammontaw ghal €4301.1."*

Il-perit tekniku jghid li "*l-esponent ma kkummentax dwar l-appalt li kien hemm bejn il-partijiet, dwar jekk certa lump sums jirriflettux il-prezz tas-suq tax-xoghlijiet pattwiti fis-sena 2006, jew dwar kwantitajiet ta' xoghol, ghax dawn ma kinux jaghmlu parti mill-inkarigu tieghu."*

Rat li permezz ta' nota tat-3 ta' Lulju, 2015 b'referenza ghar-rapport tal-istess Perit Tekniku AIC Mario Cassar, l-attrici talbet in-nomina ta' periti addizzjonali.

Fis-7 ta' Ottubru, 2015 xehed **il-Perit Mario Cassar** in eskussjoni b'referenza a fol. 209 tal-process u b'mod partikolari ghall-istima mahruga fl-ammont ta' sitt mija w hamsin Ewro (€650) rigwardanti *routing of rain water drainage with main sewer*. Mistoqsi jekk hux minnu kienx hemm hamsa w ghoxrin pied, nghid illi jekk hemm imnizzel hekk fir-rapport tieghi, dak hu l-fatt. Qal li dak it-tip ta' xoghol ma jigix kalkulat bil-*linear metre* u li fil-fatt il-kuntratt kollu kien dwar xoghlijiet li saru dwar il-proprjeta' tal-konvenuti. Zied jghid li fil-fatt hafna mix-xoghlijiet inghataw b'*lump sum*. Spjega li fil-fehma tieghu is-somma ta' €650 kienet somma idejali w gusta u spjega wkoll li wasal ghal din is-somma mill-esperjenza ta' xoghlijiet simili u daqstant iehor ir-rapport tieghu huwa bbazat fuq l-esperjenza li ghandu. Mistoqsi x'ried ifisser b'"making good plumbing, installation" fil-ground floor, li huwa kkalkula li jiswa tliet mija w hamsin Ewro (€350) wiegeb illi fil-fatt dan ma kienx sempliciment *joint*, konnessjoni b'*joint*. Fil-fatt ikkonstata li kien aktar minn hekk waqt l-accessi u kien ghalhekk li ta din is-somma. Kien jaf ukoll illi l-perit *ex-parte* qal illi ghal tali xoghol jaghti valur differenti. B'referenza ghall-item *scraping of the facade,* saritlu referenza ghal Dokument DMD b'mod partikolari fejn m'hemmx indikat li effettivament l-attur kellu jaghmel xi xoghol ta' fuq il-faccata fuq *ground floor level*. Ix-xhud stqarr li huwa minnu illi f'dan id-dokument DMD1 m'hemmx indikat, pero' zied jghid illi fil-fatt mhumiex dawn ix-xoghlijiet biss, li hemm dan il-ftehim, li l-attur ezegwixxa. Anzi zied li fil-fatt l-attur m'ghamilx dan li hemm indikat f'dan id-dokument biss, izda ghamel ukoll xoghol differenti. Stqarr li huwa minnu wkoll illi f'Dokument DMD1 m'hemmx miktub illi l-attur kellu jaghmel dan ix-xoghol, pero' gie ndikat lilu waqt l-access, u dan mill-attur stess, li huwa kellu jaghmel dan ix-xoghol. Mistoqsi jekk jistax ikun illi effettivament dan hu kliem il-Perit Farrugia, qal li *su due piedi* ma jiftakarx, pero' zgur li waqt l-access l-attur kien prezenti w jista' jkun illi dan l-item fil-fatt huwa msemmi fir-rapport tal-Perit Farrugia.

Kompla li huwa kien ukoll qal li hemm spiza ohra ta' mitejn u hamsin Ewro (€250) ghal *sealing of party walls,* kif ukoll li huwa veru li waqt l-access kien hemm diskors illi l-ilma ma jitlax izda jinzel l-isfel. Huwa minnu wkoll illi ... waqt l-access kien intqal li l-iskular tal-ilma ma kienx gej minn xi nuqqas fis-saqaf, pero' zied illi huwa kkonsulta u hemm ritratti li juru li l-ingress kien mill-kamra tal-banju. Ghalhekk rega' kkonferma li dan ma kienx gie ssiljat tajjeb.

**Il-Perit Mario Cassar** rega' xehed nhar il-21 ta' Ottubru, 2015 u spjega li fil-fatt inghata numru ta' domandi bil-miktub u dana gew mghoddija lilu minn Dr. Joseph Zammit li qed jidher ghan-nom tal-attrici. Qal li llum jinsab f'pozizzjoni li jezebixxi r-risposta tieghu ghal dawn id-domandi bil-miktub u kkonferma l-kontenut taghhom. Ikkonferma wkoll li hu ghadda kopja ta' dawn ir-risposti kemm lill-avukat difensur tal-attur kif ukoll dak tal-konvenut. Ikkonferma ghal darb'ohra illi l-istima mahruga mill-Perit Farrugia nominat, imqabbad mill-attrici, ma rrizultalux li qatt mar fuq il-post u qal illi fil-fatt kien hu li talab lill-Perit Farrugia sabiex jaghti spjega *itemised* l-istima li huwa kien hareg. Din l-istima giet pprezentata mar-relazzjoni tieghu u in segwitu waqt l-access mizmum minnu sostna li huma daru din l-istima item item u hu ghamel stima indipendenti u dina kienet abbazi dak li rrizultalu u ntqal waqt l-access, dak li gie spjegat lilu x-xoghol li effettivament sar u huwa hareg l-istima indipendenti tieghu. Qal illi hu wasal ghall-istima ridotta kif ezebita fl-atti wara li kien zamm tliet accessi fuq il-post fil-prezenza tal-partijiet, gie spjegat lilu liema xoghol riparatorju sar fix-xoghol originali li kien ghamel il-konvenut u l-konvenut kien prezenti ghal dawn l-accessi. Il-konvenut ma kienx prezenti waqt li kien sar ix-xoghol riparatorju pero' qal illi d-differenza bejn ix-xoghol li kien ghamel originarjament il-konvenut u l-istat ta' fatt li sab waqt l-accessi. Ix-xhud ikkonferma illi ghax-xoghol riparatorju li sar ircevuti fiskali ma hemmx pero' jaf li x-xoghol sar ghax rah di vista.

**Geoffrey Mallia** xehed nhar l-1 ta' Marzu, 2016 fejn qal li hu jigi hu David Mallia. Sostna li huma qeghdin hamsa bhala ahwa, tnejn bniet u tlieta subien. Apparti x-xhud u huh David hemm ukoll huh Chris. Ix-xhud qal li ma jaf xejn dwar ix-xoghol ta' huh. Qatt ma kien involut lanqas fix-xoghol ta' huh u lanqas qatt ma mar xi darba jigbor xi flus ghan-nom tieghu u lanqas jaf x'haddiema ghandu mieghu huh. Dejjem naturalment b'referenza ghal David. Tenna jghid li f'Ottubru 2006 hu kien jahdem bhala LSA f'De La Salle College. Hu m'ghandux relazzjoni tajba ma' huh lanqas u fil-fatt qatt ma tkellem mieghu lanqas fuq xoghol lanqas qabel dawn l-ahhar tnax-il sena.

**Kevin Abela** xehed nhar is-7 ta' Dicembru, 2016 prodott mill-attrici fejn ikkonferma ghaliex hu fix-xhieda tieghu precedenti fit-28 ta' Marzu, 2012 li tinsab inserita fl-atti a fol 80 kien qal li hu kien qed isegwi xi xoghlijiet li kienu qed isiru fid-dar tal-attrici. Qal li effettivament huwa kien waqaf hesrem pero' jaf li meta waqaf hafna mix-xoghlijiet kienu gia lesti fis-sens li wiehed seta' jabita f'dak il-fond bla problemi. Ghalhekk qal li effettivament li kien fadal kienu kwistjoni ta' rqaqat. Ix-xhud qal li l-attrici kienet tqabbdu lilu biex il-konvenut jirranga xi affarijiet. Fil-fatt ix-xhud kien icempillu u kien jigi jaghmel ix-xoghlijiet fis-sens ta' xoghlijiet li ma kienux joghgbuha u kien jitla' u jirrangaw bejniethom. Forsi kien ghad fadal li jsir xoghol ghal perjodu ta' xahar. Jaf li l-attrici kienet thallas lill-konvenut bicca bicca u dan ghaliex jaf illi effettivament kien imur jinghata bicca xoghol ohra minghandha una volta jithallas dak ta' qabel. Mistoqsi jekk effettivament il-konvenut thallasx ghas-sitt elef ewro (€6000) li kienu ftehmu dwarha originarjament ix-xhud wiegeb illi ma jafx. Is-sitt elef ewro (€6000) originarjament miftehma bejn il-partijiet kienu jirraprezentaw diversi xoghlijiet. Tenna jghid li kien hemm somma sostanzjali li kienet il-parti maggorenni. Sostna li effettivament sa fejn jaf hu din ma thallsitx kollha. Is-somma globali originarjament kienet xi sitt elef lira (Lm6000) Maltin. Fuq flus lanqas biss jaf x'taghtu ghalhekk ma setax jghid kemm fadallha flus u jekk effettivament fadallhiex ittih jew le, dan hu ma jafux. Hu qatt ma dahal fil-kwistjoni ta' flus mill-bidu sal-ahhar. Jaf li

effettivament kien ghad baqa' somma flus li kellha ttih. Ix-xhud kien mar jiccertifika u fil-fehma tieghu x-xoghol kien tajjeb u meta qaltu li ma kienitx se thallas il-konvenut, ix-xhud qalilha li hu mhux se jibqa' jmur u waqaf. Pero' ma jafx x'kien ghad fadal pendenti bejniethom. Quddiemu qatt ma ghaddew flus. Jaf li originarjament fil-bidu kienu marru l-bank flimkien u hallsu xi flejjes hemm. Pero' l-ammonti ma jafx kemm kienu lanqas. Jaf li ghal xi kull bicca xoghol li ssir kienu jmorru l-bank flimkien pero' hu ma kienx ikun prezenti u kemm kienet thallas ma setax jghid lanqas u naturalment jekk ma tkunx thallas ma kienx se jkompli bix-xoghol. Jekk il-konvenut baqax ghaddej bix-xoghol meta hu waqaf mix-xoghol huwa wiegeb illi ma jafx. Ix-xhud qal li tilef kull kuntatt mal-konvenut. Qal li hu kellhux aktar kuntatt mal-partijiet u ma xtaqx jibqa' jkollu kuntatt maghhom. Qal li effettivament jaf illi l-attrici kienet talbitu biex hu jghid lill-konvenut jigi jirranga xi xoghol, il-konvenut kien imur. Mistoqsi jekk ix-xoghol kienx ikun hazin qal li fil-fehma tieghu le pero' l-attrici kienet tkun tridhom perfetti.

**Maria Dolores Mallia** xehdet nhar l-10 ta' Mejju 2017 fejn qalet illi hija tigi omm il-konvenut David Mallia. It-tifel taghha huwa *teacher*. Mistoqsija jekk hija tafx l-attrici qalet li ma tafhiex u qatt ma ltaqghet maghha. Mistoqsija jekk ghandhiex tfal ohra qalet li apparti l-konvenut ghandha hamsa ohra. Suzanne, illum mizzewga Attard, David Mallia, Geoffrey Mallia, Chris Mallia, u Stephanie llum mizzewga Borg. Mistoqsija jekk it-tifel taghha ghamilx xi xoghol iehor apparti dak ta' teacher qalet li ma tafx li ghamel xoghol iehor. Ir-relazzjoni taghha pero' ma binha hija wahda tajba. Pero' ma jkellimhiex dwar ix-xoghol tieghu. Taf li pero', it-tifel taghha kellu kawza l-Qorti, pero' naturalment it-tifel taghha huwa kbir, mhux qisu qed trabbih hi, pero' ma tafx fuq x'hiex inhi l-kawza u qabel ma giet hemm ma qaghadx ikellimha fuq il-kawza li ghandu. Hi qatt ma marret mat-tifel taghha sabiex jigbor xi flus mill-BOV ir-Rabat, la ma' David u lanqas ma' hadd minn uliedha. Hi ma tafx li t-tifel taghha ghamel xoghol ta' tibjid. Gieli t-tifel

jghaddi ghandha wara li jispicca mill-iskola pero' dan mhux b'mod regolari lanqas.

Rat ir-rikors ta' l-attrici pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-20 ta' Gunju, 2017 fen talbet terminu sabiex tipprezenta eccezzjoni ulterjuri dwar il-preskrizzjoni fir-rigward tal-kontro talba tal-konvenut ai terminu tal-artikolu 2148(a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi b'digriet taghha datat 28 ta' Gunju, 2017 li bih laqghet it-talba kontenuta fir-rikors tal-attrici datat 20 ta' Gunju, 2017 fejn laqghet it-talba tal-attrici sabiex tressaq eccezzjoni ohra u cioe' *"Illi t-talbiet konvenut rikonvenzjonant hija preskritta a tenur tal-artikolu 2148 (a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attrici prezentata fl-atti nhar l-24 ta' Jannar, 2018 u dik responsiva tal-konvenut prezentata fl-atti nhar is-7 ta' Marzu, 2018.

Rat dak li gie verbalizzat fis-seduta tat-18 ta' April, 2018 li l-partijiet kienu qed jirrimettu ruhhom ghall-atti u talbu lil din il-Qorti tghaddi sabiex taghti is-sentenza taghha.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawa l-attrici qed titlob lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut ihallasha is-somma ta' hdax-il elf, tlett mija disgha u sebghin euro (LM11,379) rappresentanti din is-somma danni sofferti minnha minhabba ix-xoghol li ghamel il-konvenut fil-proprjeta taghha 32, Triq il-Konti Ruggieru, Rabat, liema xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti. Il-konvenut min naha tieghu fl-ewwel lok jecepixxi li l-azzjoni tal-attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Fit-tieni lok isostni li l-

attrici gja indirizzat it-talba taghha ghad danni fir-rigward ta' Raymond Dalli liema kawza tinsab *sub judice* u ghalhekk ma tistax tippretendi li l-konvenut jikkumpensaha l-istess allegati hsarat li allegatament saru fl-istess post. Waqt li fil-mertu isostni li hu ma kkawza l-ebda danni lill-attrici u x-xoghlijiet li gew prestati minnu saru skond is-sengha u l-arti u li ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

In oltre jghid li l-attrici hija debitrici tieghu fis-somma ta €5,147.92 kif jirrizulta mill-iskrittura datata 3 ta' Ottubru, 2006 esebita fl-atti u mmarkata bhala Dok A u ghalhekkipprezenta kontro-talba sabiex jitlob lil din il-Qorti tikkundanna lill-attrici thalsu din l-istess somma ta' €5,147.92 rappresentanti bilanc ta' prezz ta' xoghlijiet inkorsi fil-fond fuq indikat 32, Triq Konti Ruggier, Rabat. L-attrici wiegbet ghal din it-talba billi fl-ewwel lok qalet li t-talba hija totalment infondata u fit-tieni lok eccepiet l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2148(a) tal-Kap 6 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Fatti tal-kaz.**

Illi l-attrici kienet qabdet lill-konvenut sabiex jghamel xi xoghol fil-proprjeta taghha 32, Triq Konti Ruggier, Rabat liema xoghlijiet kienu jikkonsistu inter alia f'bini ta' hajt tal-gypsum. Twahhil ta' madum, installazzjoni ta' dawl u ilma kif ukoll li l-konvenut kellu jipprovdi l-materjal ghal dan is-servizz. Illi manmano li kienu qed isiru x-xoghlijiet jidher li l-attrici kienet thalsu akkont kif jidher mid-dokumenti esebiti fl-atti markati bhala Dok AB1 sa AB6 liema ricevuti ma gewx kontestati u liema hlasijiet *in toto* jammontnw ghas-somma ta' ghaxart elef euro (€10,000). Illi skond dawn l-istess ricevuti jidher li x-xogholijiet kienu qed isiru fi zmien Lulju 2006 sa Frar 2007. In oltre kif hemm spjegat fir-rapport tal- Perit Carmel Farrugia esebit fl-atti a fol. 32 markat bhala Dok AB8 datat 6 ta' Settembru 2007 jirrizulta li x-xoghol ta' *refurbishment* kien gja sar u dakinhar ta' l-access mizmum minnu jidher li gja

kien hemm numru ta' nuqqasijiet jew ahjar difetti kif elenkati minnu stess kif deskritti fl-istess rapport tieghu.

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut gja hemm pronunzjament fl-atti u dan ghaliex il-Qorti tat is-sentenza preliminari taghha f'dan ir-rigward fejn kienet cahdet din l-istess eccezzjoni u ghalhekk jispetta l-Oorti tghaddi ghal mertu tat-talba attrici qabel ma titratta l-kontro talba tal konvenut.

Is-segwenti m'humiex kontestati:

1. Illi l-attrici kienet talbet li jsiru xi xoghlijiet ta' refurbishment fil-fond taghha 32, Triq Konti Ruggier, Rabat u dawn saru mill-konvenut.
2. Illi l-appalt inghata mill-attrici lill-konvenut u dan esegwixxa dan l-appalt li fil-fehma tieghu hadem skond is-sengha u l-arti.

Illi huwa ghalhekk dover tal-Qorti sabiex tikkonkludi jekk fl-ewwel lok verament kienx hemm difetti kif lamentati mill-attrici jew addirittura jekk l-appalt li ha l-konvenut giex esegwit skond is-sengha u l-arti.

Dwar il-kuntratt ta' appalt il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Rainbow Mix Concrete Ltd vs Michael Bianchi et** deciza fil-15 ta' Novembru, 2011 fejn hemm enuncjazzjoni dwar in-natura ta' kuntratt ta' appalt in generali u dik il-Qorti citat mis-sentenza **Busuttil v Fedele et** [09.04.0968, Prim' Awla] fis-sens li :

'*huwa kuntratt bilaterali u dejjem soggett ghal patt kommissorju tacitu. Konsegwentement meta d-difetti fl-ezekuzzjoni jkunu pruvati, il-kriterju essenzjali tad-decizjoni tinsab fl-ezami jekk ix-xoghol ikunx affett jew le minn vizzji sostanzjali. ... Meta d-difetti jkunu essenzjali, l-kommittent ghandu d-dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt minhabba l-inadempjenza. Meta ghal kuntrarju d-*

*difett ma jkunx sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jigi ritenut inadempjenti pero jibqa obbligat li jirripara d-difetti jew jaccetta riduzzjoni.*'

Il-gurisprudenza hija konkordi fis-sens li l-appaltatur mhux biss ghandu jezegwixxi x-xoghol skond dak stipulat bejn il-kontraenti izda l-ezekuzzjoni u l-prodott finali jrid ikun skond l-arti u s-sengha kemm ghal dik li hija bonta' kif ukoll ghal dik li hija adattabilita' ghall-uzu :

'*Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b' mod li 'l quddiem juri d-difetti ...*

*It-tieni principju jghid illi l-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina ... Dan hu hekk avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol jew l-appaltatur ikun mexa skond ... l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent'* [**Darmanin v Agius**, Appell, 09.10.2004]

Il-Qorti taghmel referenza ukoll ghal sentenza ohra deciza nhar il-25 ta' Jannar, 2011 fl-ismijiet **Stivala Operations Limited Vs Fithome Interiors Limited** fejn saret referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Proinvest Limited vs Giljan Agius** (Appell 8 ta' Jannar 2010) fejn intqal:

"*hu dover tal-appaltatur li jippresta xoghol tajjeb indipendentament x'jikkonsilja jew ma jikkonsiljax is-sid. Intqal kemm il-darba li l-appaltatur li jesegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett tal-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezukuzzjoni hazina. Dan hu hekk avoja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol jew l-appaltatur ikun mexa' skond l-ispecifikazzjonijiet jew istruzzjonijiet, anke espresso, moghtija mill-kommittent. L-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lil min qabbdu opra sodisfacenti u ma jistax jallega li x-xoghol*

*sar mhux sewwa ghax il-kommittent ma oggezzjonax ghal mod kif kien qed isir ix-xoghol. Fil-fatt intqal ukoll li l-hlas tal-prezz tal-appalt ma jfissirx necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan fil-fatt jirrizulta difettuz*."

Ziedet li l-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Muscat vs Cuschieri** deciza fis-26 ta' Mejju, 2006 qalet:

"*min jidhol biex jesegwixxi appalt irid jaghmel tajjeb anke ghall-bonta` tal-materjal li jforni inkluz li dan il-materjal ikun idoneju ghall-iskop li ghalih ser jintuza*".

Illi fil-kawza odjerna l-attrici tghid li kienet qabdet lill-konvenut jghamel diversi xoghlijiet izda dawn l-istess xoghlijiet saru hazin u kien ghalhekk li qabdet lil Perit Farrugia jelenka x'kienu dawn in-nuqqasijiet li rriskontrat ix-xoghol li esegwixxa l-konvenut. Tghid fl-affidavit taghha, li x-xoghol sar hazin u minhabba f'hekk hija sofriet danni kif spjegat minnha stress. Illi pero' l-attrici ghalkemm innotat mill-*colpo d'occhio* li x-xoghol sar hazin qabdet il-Perit taghha Carmel Farrugia sabiex jaccedi fuq il-post jghamel deskrizzjoni tax-xoghol li sar u jelenka in-nuqqasijiet li rriskontra.

Il-Perit Farrugia ghamel proprju dan u rrediga rapport tas-6 ta' Settembru, 2007 (fol.32) fejn iddeskriva kull fejn kien hemm xoghol li sar mill-konvenut u li ma sarx skond is-sengha u l-arti u kkalkula li d-danni sofferti minnha jammontaw ghas-somma ta' €11,379 inkluz il VAT. Mhux hekk biss illi b'rapport tieghu data 17 ta' Novembru, 2014 l-istess Perit ta break down wara d-danni li stqarr li kien hemm fil-fond tal-attrici. Dan it-tieni rapport tieghu jinsab esebit fl-atti a fol 214 et seq u flimkien mar-rapport ipprezenta ukoll numru ta' ritratti sabiex isahhah dak li stqarr fir-rapport preliminari tieghu.

Illi ghalhekk din il-Qorti rat li l-kwistjoni kienet wahda teknika u kien ghalhekk li appuntat lil Perit Mario Cassar bhala espert taghha sabiex hu ukoll jaccedi fil-

fond fejn saru x-xoghlijiet u jiddeskrivi x-xoghol li sar u fejn kien hemm n-nuqqas.

Illi l-perit tekniku pprezenta r-rapport tieghu fir-registru ta' din il-Qorti u l-Qorti iddikjarat li t-terminu ghat-talba ta' perizja perizjuri beda jiddekorri nhar l-24 ta' Gunju, 2015. Illi fil-fatt nhar it-3 ta' Lulju, 2015 l-attrici pprezentat nota fejn talbet il-hatra ta' perizja perizjuri. Cio nonotante pero' l-periti addizzjonali ma gewx nominati u l-konvenut ghazel li jeskuti l-perit u jghamillu xi domandi addizzjonali.

Il-Perit Tekniku stqarr li mhux kontestat illi parti mix-xoghol li ghamel il-konvenut fil-fond mertu tal-kaz ma sarx skond is-sengha u l-arti. In fatti jghid li dehrlu li ma kienx hemm l-esperjenza teknika. Il-konvenut fil-fehma tal-perit ma ghamilx supervizjoni adegwata waqt ix-xoghlijiet minkejja illi rrefera illi l-attrici kienet tkun prezenti waqt ix-xogholijiet. Fisser il-Perit li din hija r-responsabilita' tal-konvenut li jara li x-xoghol isir skond is-sengha u l-arti u mhux ta' l-attrici.

Jidher skond ma kkonkluda l-Perit li l-attrici fdat lill-konvenut. Pero' minn dak li irrizulta lilu l-konvenut kien biss Turnkey contractor li kien ilaqqa diversi sub-contractors u kull wiehed minnhom jaghmel parti differenti mix-xoghlijiet u fl-ahhar jibqalu hlas ghal xoghlu. Il-perit tekniku pero' ma jaqbilx mal-ammont imsemmi mill-perit Farrugia bhala valur ta' danni sofferti mill-attrici ghaliex skond il-perit Cassar certi stimi redatti minnu kienu eccessivi filwaqt li certu kazijiet ohra hemm biss stima u mhux ricevuti.

Huwa ghlahekk ghamel stima tax-xogholijiet reparatorji li ghandhom isiru u dawn huma elenkati fl-ispread sheet esebita fl-atti u mmarkata bhala Dok EX1 u jammontaw ghas-somma ta' €4301.1.

In eskussjoni l-Perit Cassar jghid li kien ha in konsiderazzjoni l-fatt li in effetti l-Perit Farrugia kien elenka spejjes akbar pero' huwa qal li wasal ghall-konkluzzjonijiet tieghu wara li kien zamm tlett accessi fuq il-post u hareg stima independent. Qal ukoll li fejn ma hemmx ricevuti fiscali fil-process xorta seta' jikkonstata li x-xoghol kien effettivament sehh.

Issa m'hemmx dubbju li l-konvenut kellu jesegwixxi l-appalt moghti lilu skond is-sengha u l-arti.

L-**Art. 1132 tal-Kap. 12** jigbor fih punt tad-dritt u cioe` li fl-imgieba taghha persuna hija dejjem tenuta li tezercita d-diligenza ta` *bonus paterfamilias.* Din hija disposizzjoni ewlenija fil-kamp tal-obbligazzjonijiet in kwantu tiddetermina l-mizura tal-kondotta tad-debitur ta' l-obbligazzjoni fl-ezekuzzjoni tal-prestazzjonijiet tieghu, tenut rigward tan-natura tar-rapport partikolari u tac-cirkostanzi ta' fatt li jikkonkorru biex jiddeterminawh.

Jinsab sostenut "*che in diritto la diligenza da essere usata nell'adempimento di una obbligazione e la colpa dalla quale il debitore deve rispondere, sono due concetti che si corrispondono, e si compenetrano nel senso che finche` uno ha usato la diligenza che doveva usare non è in colpa, e quando è in colpa lo si è appunto per non avere usato la debita diligenza*". (ara "**Magro vs Agius**"– Appell Civili 20 ta` Frar 1920). Fl-istess sentenza ssokta jinghad illi "*il diritto Romano ci ha trasmesso la norma generale che traccia i confini della responsabilita` giuridica e che vale a determinare quale sia la condotta che si deve tenere nell'adempimento delle proprie obbligazioni, la quale norma è la diligenza del 'diligens paterfamilias', formula di cui nè la scienza nè la pratica hanno saputo trovare una migliore ...*". Ghas-success tal-azzjoni attrici, irid jirrizulta l-lezjoni tad-dritt tat-terz u li dan ikun f`rapport kawzali dirett ma' l-att jew fatt tas-socjeta` konvenuta" (ara - "**Korporazzjoni Enemalta vs Vella Group Limited**" – Qorti tal-Appell Inferjuri - 8 ta' Gunju, 2006 u "**Korporazzjoni Enemalta vs Vassallo et**" – Qorti tal-Appell Inferjuri - 17 ta' Ottubru, 2008).

Kif affermat il-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza taghha tal-21 ta` Mejju, 2010 fil-kawza "**Korporazzjoni Enemalta vs V & C Contractors Limited"** –

Premessi dawn l-enuncjazzjonijiet, huwa bil-wisq ragjonevoli illi n-ness kawzali jrid dejjem ikollu rabta ma' kondotta kolpuza ghal skop ta' htija. Ghar-raggungiment ta' dan, wiehed irid b'necessita' logika jevalwa l-elementi kollha tal-fattispeci ghall-iskop li jkun determinat b'mod objettiv u fil-konkret il-fatt li jkun ipproduca l-hsara u, s'intendi, ir-responsabilita ta' min dik il-hsara jkun gabha fis-sehh.

Illi minn dak li jirrizulta u cioe' mir rapport tal-perit tekniku, huwa l-konvenut li huwa responsabbli ghax-xoghol li sar fil-fond tal-attrici. Inoltre ghalhekk in-nexus li kellha tipprova l-attrici bejn l-agir tal-konvenut u d-danni li sofriet gie provat.

Il-Qorti, dwar konkluzjonijiet ta' espert tekniku, ghamlet referenza ghal dak li ntqal fil-kawza **Calleja v Mifsud** [19.11.2001] : *Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta' fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti ... kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti ... B' danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu …*"

Fis-sentenza **Grech et v Grech et** [25.09.2003] il-Qorti kienet irriteniet : *Bil-ligi u b' harsien tal-massima dictum "expertorum numquam transit in rem judicatam" il-Qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapport tal-perit mahtur minnha kontra l-konvinciment taghha nfisha. Imma l-fehmiet ta' perit mahtur minn qorti u maghmula f' rapport imressaq minnu mhumiex sempliciment opinjonijiet izda jikkostitwixxu prova ta' fatt, specjalment f' oqsma*

*fejn il-hatra tkun dwar hwejjeg teknici. Fehmiet bhal dawk m' ghandhomx, l-iktar fejn parti ma tkunx irrikoriet ghall-hatra ta' periti addizzjonali, [bhalma huwa dan il-kaz] tigi mwarrba kif gieb u lahaq, sakemm ma jkunx jidher sodisfacentement li tali fehmiet huma, fil-kumpless kollu tac-cirkostanzi, irragonevoli.*

Ghalhekk: qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta' tali relazzjoni ma kienetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero' kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku [**Cauchi v Mercieca**, Appell, 09.10.1999].

Fil-kaz tal-lum, jirrizulta bhala fatt li wara li kien prezentat u mahluf ir-rapport peritali, minkejja li kienet saret talba mill-attrici ghall-hatra ta` periti addizzjonali. Saret biss eskussjoni tal-perit tekniku segwita mill-presentata ta` noti ta` osservazzjonijiet.

Wara li qieset il-konkluzjonijiet peritali u t-twegibiet tal-perit tekniku in eskussjoni, din il-Qorti ma ssibx li ghandha ghalfejn tiddiskosta ruhha mill-accertamenti teknici u fattwali tal-perit salv ghal dik il-parti fejn illikwida d-danni fir-rigward ix-xoghol li sar fil-faccata fl-ammont ta' Euro 650 stante li ma jirrizultax li dan ix-xoghol in effetti sar mill-konvenut. Ghalhekk din il-Qorti sejra toqghod fuq l-accertamenti u l-konkluzjonijiet tieghu fir-rigward tal-bqija pero' thoss li fic-cirkostanzi ghandha *arbitrio boni viri* zzid l-ammont hekk likwidat stante li dak li rrizultalha mill-atti u appuntu mill-istima mahruga mill-Perit Carmel Farrugia u mill-ammonti ccitati mill-konvenut stess fir-rigward tax-xoghol li kellu jsir.

Il-Qorti f'din il-kawza, minhabba li l-mertu kien impernjat fuq konsiderazzjonijiet teknici, li l-perit tekniku kien acceda fuq il-post u sema anke provi teknici mill-periti ex parte u ta spjegazzjoni dettaljata tar-ragunijiet ghall-konkluzjonijiet tieghu, ma sabitx ragunijiet ghalfejn tiskarta l-konkluzjonijiet tal-

perit tekniku u ghalhekk, fuq l-iskorta tar-rapport ghaddiet sabiex tilqa' t-talba attrici ghall-hlas tal-bilanc dovut minhabba l-kuntratt ta' appalt u dan ukoll ghax : ikun pruzuntuz ghall-gudikant li jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni teknika … wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b'mod kritiku, jasal ghal konvinciment divers minn dak li jkun wasal ghalih l-espert nominat minnu. [**Camilleri noe v Debattista,** Appell, 09.02.2001].

Illi l-attrici fin-nota taghha tistieden lil Qorti sabiex taghti ammont ta' flus *arbitrio boni viri* u taghmel referenza ghall-prezzijiet indikati mill-istess konvenut fid-Dok DM1 a fol. 213 li b'kollox jammontaw ghas-somma ta' LM7,210 eskluz il-VAT. Illi l-perit tekniku stqarr fix-xhieda tieghu li huwa ma jidholx fil-kwistjoni ta' jekk il-prezzijiet miftiehma bejn il-partijiet kienux tajbin jew le ghaliex dik ma kienitx fil-mansjoni tieghu li jghid u jillikwida d-danni jekk jirrizultaw.  Bir-rispett kollu pero' l-perit mhux korrett mija fil-mija f'dan ir-rigward ghaliex jekk l-attrici ghamlet xi pagamenti a bazi ta' dawn il-prezzijiet miftiehma bejniethom u dawn il-prezzijiet kienu ezagerati una volta x-xoghol li sar ma sarx skond is-sengha u l-arti dawn il-prezzijiet ghandhom zgur li jittiehdu in konsiderazzjoni bhala parti mid-danni li sofriet.

Illi huwa minnu dak li stqarr il-konvenut li l-perit teniku illikwida xi danni rappresentanti xi xoghol li sar fuq il-faccata tad-dar u dan fl-ammont ta' €650 meta tali xoghol ma sarx mill-konvenut.  Ghalhekk din is-somma zgur li ghandha titnaqqas mis-somma likwidata mill-perit tekniku Mario Cassar u ghalhekk l-ammont li illikwida l-perit Cassar huwa ta' €3534.

Illi pero' din il-Qorti qieghda *arbitrio boni viri* zzid ma dan l-ammont is-somma ta' €966 sabiex is-somma li l-konvenut ghandu ihallas lill-attrici tammonta ghal erbat elef u hames mitt euro (€4500). Tali somma addizjonali tirrappresenta certu xoghol li sar fejn m'hemmx ricevuti pero' li l-perit kkonferma li sar.

Ghalhekk fir-rigward tat-talba attrici din il-Qorti qieghda tillikwida s-somma dovuta lilha fl-ammont ta' erbat elef u hames mitt euro (€4500).

**Kontro-talba**

L-attrici tecepixxi l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2148 (a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' dik ta' tmintax il-xahar. Is-subinciz (a) li jaqra hekk:–

"l-*azzjonijiet ... ta` persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta` l-opri jew tax-xogholijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu*".

Kif spjegat il-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza taghha li tinsab riportata fil-Kollezz. Vol. XLII P III p 1151, il-preskrizzjoni stabbilita fl-**Art.2148 (a)** tapplika ghal krediti ta' artifici li jipprestaw l-opra taghhom.

Fid-decizjoni riportata fil-Kollezz. Vol. XXXVIII P III p 710 jinghad hekk –

*Il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar li tolqot l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapan, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentiera, arluggara, u persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri taghhom jew tax-xoghlijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu, tirriferixxi ghal-lokazzjoni ta' opera li biha dawk il-persuni jkunu obbligaw ruhhom li jaghtu x-xoghol taghhom, u mhux ghal-locatio operis li biha l-imprenditur jobbliga ruhu li jaghti, mhux ix-xoghol, izda l-prodott tax-xoghol - meta l-lokazzjoni d' opera tkun konnessa ma' organizzazzjoni ta' mezzi teknici li timprimi lil-lokazzjoni l-karattru ta' att oggettivament kummercjali.*

Il-Qorti tara li l-fattispeci tal-kaz tal-lum jinkwadraw ruhhom fil-kuntest tas-**subinciz (a) ta' l-Art. 2148.**

In kwantu ghall-fondatezza o meno tal-eccezzjoni skond l-**Art.2148(a),** din il-Qorti tghid li mill-atti jirrizulta li l-kontro talba kienet prezentata fl-20 ta' Settembru, 2010 u l-ahhar pagament li ghamlet l-attrici a favur tal-konvenut skond ma stqarr il-konvenut stess kien fit-18 ta' Awwissu, 2006. Ex admisses fol. 83 il-konvenut jghid " l-ahhar pagament li jien ircevejt dwar ix-xoghol li kont lestejt kien fit-18 ta' Awwissu 2006.". Il-konvenut kien interpella lill-attrici sabiex thalsu u dan permezz ta' ittra ufficcjali li saret fil-15 ta' Jannar, 2009 (kopja tal-ittra tinsab esebita fl-atti a fol 77 tal-process) sar fit-13 ta` Awwissu, 1998. Ghalhekk jirrizulta li l-konvenut kien ipprezenta l-ittra ufficcjali tieghu meta l-azzjoni kienet gja preskritta.

Il-konvenut fir-risposta li huwa pprezenta nhar is-27 ta' Lulju, 2017 jghid li l-azzjoni ma tistax tkun preskritta ai termini tal-Artikou 2148(a) izda semmai l-perijodu preskrittiv ghandu jkun dak ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:-

L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin
(f) "*l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku*";

Illi pero' kif tipprovdi l-ligi stess, dan il-provediment japplika biss f'kaz li ma hemmx preskrizzjoni iqsar, li f'dan il-kaz hemm dak kontemplat fl-artikolu 214(a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' l-eccezzjoni tal-attrici ghall-kontro-talba tal-konvenut li l-kontro-talba tieghu hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148(a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici li tikkundanna lill-konvenut ihallasha somma flus rappresentanti danni li hija sofriet peress li x-xoghol li gie ezegwit minnu ma kienx skond is-sengha u l-arti pero' f'ammont ridott ta' erbat elef u hames mitt euro (€4500), u ghalhekk qieghda tichad l-eccezjonijiet tal-istess konvenut u qieghda tilqa' l-eccezzjoni ulterjuri tal-attrici li l-kontro-talba hija preskritta u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra sollevati minnha f'dan ir-rigward.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati kollha mill-konvenut.

L-imghax ghandu jibda jiddekorri mil-lum.

**Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera**

**Deputat Registratur**